**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 644/2017 MS*

**GasanMamo Insurance Limited u Atlas Insurance PCC Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat tagħhom Pavi Supermarkets Limited skond il-liġi u skond il-polza tal-assigurazzjoni (CN 152094)**

**Vs.**

**Jurgen Cauchi, Jesmond Aquilina u Raymond Bugeja f'isem u in rappreżentanza tal-Għaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979 u bħala licencee/s**

Illum, 19 ta' Mejju 2025

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fl-14 ta' Lulju 2017, li permezz tiegħu, wara li ippremettew dan li ġej:

Illi fit-18[1] ta` Lulju 2015 fl-okkażżjoni tal festa ta` San Bastjan, Ħal Qormi, l-Għaqda intimata kienet qed taħraq in-nar (fireworks) f'Ħal Qormi fl-inħawi tal-istabbiliment ta` Pavi Supermarkets Limited. Illi l-intimati jew min minnhom kienu l-*licencees* għal tali avveniment.

Illi waqt li qed jinħaraq in-nar, is-soċjetà Pavi Supermarkets Limited sofrit ħruq fl-istabbiliment tagħha b'riżultat tan-nar li kien qed jinħaraq mil-intimati.

Illi għalhekk l-intimati huma unikament u solidarjament responsabbli għall-akkadut u għall-konsegwenzjali danni li ġew likwidati fis-somma ta` €34,907.

Illi Pavi Supermarkets Limited kienet assigurata mas-soċjetajiet assiguratriċi atturi li, a bażi tal-istess polza u kif kienu obbligati jagħmlu, kkompensaw lill-assigurat tagħhom bl-imsemmija somma u ġew debitament surrogati skond il-liġi u skond il-polza ta` assigurazzjoni fid-drittijiet tal-assigurat tagħhom.

Illi l-intimati, debitament interpellati baqgħu inadempjenti.

huma għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara illi l-intimati huma solidarjament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-18 ta` Lulju 2015 fuq imsemmi;

ii. Tikkundanna lill-intimati solidarjament iħallsu lill-atturi s-somma ta` €34,907 għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata ta` dan ir-rikors kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mill-konvenuti fit-22 ta' Settembru 2017[2], li permezz tagħha huma eċċepew dan li ġej:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti l-konvenuti ma humiex il-legittimi

[1] Oriġinarjament, id-data in kwistjoni kienet indikata bħala 17 ta' Lulju 2015, iżda b'korrezzjoni ordnata b'dikriet tat-22 ta' Diċembru 2023, din id-data ġiet taqra kif murija.
[2] Fol.18.

kontraditturi u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi minghajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ma kienu involuti f'ebda incident li allegatament sehh fis-17 ta' Lulju 2015 u konsegwentement l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-incident li allegatament sehh fis-17 ta' Lulju 2015;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti l-konvenuti ma jistghux jigu dikjarati solidarjament responsabbli u ma jistgħux jigu kkundannati solidarjament sabiex ihallsu stante li huma ma gewx imharrka fil-kwalita tagħhom personali u stante li huma ma humiex il-legittimi kontraditturi fil-kwalita taghhom personali. Inoltre Jurgen Cauchi [ID 533690M] u Jesmond Aquilina [ID 46868M] ma humiex u qatt ma kienu Licencee/s;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti dejjem agixxew bi prudenza, bid-diligenza, u bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti it-talba attrici għall-kundanna ta' hlas ta' €34,907 ma tista qatt tintlaqa stante li ma hiex preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni li b'konsegwenza tal-allegat incident tas-17 ta' Lulju 2015 l-atturi u/jew Pavi Supermarkets Limited soffrew danni u stante li tali talba ma hix preceduta minn talba ghal-likwidazzjoni tad-danni;

8. Illi, mingħajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-atturi ghandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet maghmulha minnhom is sostenn tat-talbiet taghhom;

9. Illi, minghajr pregudizzju għall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal- kawża;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri preżentata mill-konvenuti fid-29 ta' Frar 2024[3], li permezz tagħha huma żiedu jeċċepixxu dan li ġej:

> 1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedentement intavolati permezz tar-risposta guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, it-talba kif dedotta kontra "Jurgen Cauchi [ID 533690M] Jesmond Aquilina [ID 46868M] u Raymond Bugeja [ID 654496M] f'isem u in rapprezentanza tal-Ghaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979" hija insostenibbli, ma tistax tregi u għandha tigi michuda bl-ispejjez stante li Jurgen Cauchi, Jesmond Aquilina u Raymond Bugeja m'għandhomx ir-rapprezentanza tal- istess Ghaqda, u wisq izjed ma setgħux jitharku f'isem l-Ghaqda u per konsegwenza l-Ghaqda ma gietx validament imharrka u ma hix legittimamant rapprezentata;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedentement intavolati permezz tar-risposta guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedentement intavolati permezz tar-risposta guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, l-konvenuti jeċċepixxu n-nullitá tar-rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 789 (1) (a), (c) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi r-rikors guramentat ma giex ikkonfermat bil-gurament mill-atturi jew xi hadd mill-atturi skond kif jitlob l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, inkluz dawk intavolati permezz tar-risposta guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, l-atturi ghandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom maghmulha in sostenn tal-premessi u t-talbiet taghhom;
>
> 5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, inkluz dawk intavolati intavolati permezz tar-risposta guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, t-talbiet tal-atturi ghandhom jiġu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża, u dan peress li l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-allegat hruq u/jew danni fl-istabbiliment in kwistjoni u ma humiex responsabbli għall-incident li sehh fit-18 ta' Lulju 2015;
>
> 6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, inkluz dawk intavolati intavolati permezz tar-risposta

[3] Fol.493.

> guramentata intavolata fit-22 ta' Settembru 2017 u dawk sussegwenti, l-atturi ghandhom jippruvaw in-ness bejn id-danni allegatament subiti minnhom u mill-allegat assigurat taghhom, l-allegat agir tal-konvenuti u l-event dannuz, u konsegwentement l-atturi ghandhom jippruvaw li l-hruq u l-allegati danni mgarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-ghamil jew ta' dik l-omissjoni da parti tal-konvenuti;
>
> B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

6. Rat illi b'nota preżentata fl-4 t'April 2025, il-konvenuti irtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom sollevata bir-risposta ġùramentata tad-29 ta' Frar 2024;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni għar-riżarċiment ta' danni li l-atturi jgħidu li ġew imġarrba mill-assikurata tagħhom bi ħtija tal-konvenuti.

9. Il-fatti rilevanti huma dawn:

    a. L-atturi huma kumpaniji li joperaw fil-kummerċ tal-assikurazzjoni;

    b. Fit-18 ta' Lulju 2015, seħħ ħruq fl-istabbiliment ta' Pavi Supermarket (minn issa 'l quddiem «Pavi») fi Triq Manuel Dimech f'Ħal Qormi[4]. Jidher li dan ġara wara li niżel xi rmied mil-logħob tan-nar li nħaraq waqt il-festa ta' San Bastjan. L-irmied niżel fuq xi materjal li ħa n-nar fil-bitħa tal-

[4] L-okkorrenza relattiva hija eżebita a fol.188.

fabbrika bl-isem Nylon Knitting[5], li tmiss[6] ma' Pavi[7], u n-nar imbagħad infirex għas-*supermarket*[8].

c. Mill-provi rriżulta li l-parti fejn beda n-nar għandha permess ta' żvilupp għall-ħażna ta' materjal[9]. Il-parti ta' Pavi li fiha nfirex in-nar tidher indikata bħala *loading area* fuq il-pjanti approvati[10], kif ukoll bħala żona ta' ċirkolazzjoni għall-vetturi tal-merkanzija[11].

d. Fuq is-saqaf tal-fabbrika kien hemm diversi fdalijiet ta' murtali[12], u minn filmati miġbura, irriżulta li n-nar beda minn materjal ta' rollijiet tal-kartun u *pallets* li ma jieħdux in-nar weħidhom[13].

e. In-nar ikkawża ħsara fis-saqaf tal-imħażen u fil-ħajt tal-appoġġ[14] kif ukoll fix-*shutter* u fis-sistema tal-elettriku. Kien hemm ukoll merkanzija li ntilfet b'konsegwenza tal-inċendju[15].

f. Irriżulta li f'dawk il-ġranet il-persuni li kienu liċenzjati biex iwettqu l-ħruq tal-logħob tan-nar kienu l-konvenuti Ray Bugeja u Jesmond Aquilina[16], li fiż-żmien rilevanti kien ukoll is-segretarju tal-Għaqda konvenuta[17]. Il-*licensee A* għall-ħruq li nżamm fit-18 ta' Lulju 2015 kien il-konvenut Bugeja[18]. Għalkemm hija kondizzjoni tal-permess li l-applikant jikseb l-attendenza ta' uffiċċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fejn il-post

[5] Immarkat bl-ittra X fuq ir-ritratt a fol.198.
[6] Ara x-xiehda ta' Simon Abela, a fol.233.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Perit Alfred Grech, a fol.165.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Gordon Axiak, a fol.28.
[9] Ara fol.564-571.
[10] Fol.536.
[11] Ara x-xiehda ta' Ian Galea, a fol.518.
[12] Ara x-xiehda ta' Pier Luigi di Pilato, a fol.216.
[13] Ara wkoll ir-ritratti minn fol.200-208.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Perit Alfred Grech, a fol.165.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Gordon Axiak, a fol.28, kif ukoll ir-ritratti eżebiti minn fol.30-36. Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Malcolm Camilleri, a fol.224.
[16] Ara x-xiehda tas-Surġent Dionisius Aquilina, a fol.186.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Aquilina, a fol.456.
[18] Ara fol.429, kif ukoll fol.435.

fejn isir il-ħruq[19], jidher li għat-18 ta' Lulju 2015, dik l-attendenza nkisbet biss għal filgħaxija[20].

g. Il-konvenut Bugeja xehed li hu kien jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Għaqda konvenuta u *licensee* sa Jannar jew Awwissu tas-sena elfejn u sittax[21]. Huwa spjega li kienu jittieħdu s-segwenti prekawzjonijiet qabel ma jinħaraq il-logħob tan-nar[22]: (i) jiġu avżati s-sidien tal-fondi viċini li se jinħaraq in-nar minn għalqa partikolari li ilha snin tintuża għal dak l-iskop; (ii) jintbagħtu membri tal-Għaqda konvenuta sabiex jgħattu oġġetti li jkunu barra kemm-il darbu jkunu avżati mis-sidien tal-fondi viċini bil-preżenza ta' dawn l-oġġetti; (iii) tingħalaq Triq l-Iljun waqt il-ħinijiet tal-ħruq; (iv) isiru rondi wara l-ħruq tal-logħob tan-nar sabiex jiġi assikurat li ma jkun seħħ ebda inċendju u sabiex inaddfu warajhom; (v) il-ksib ta' polza t'assikurazzjoni[23].

h. Il-konvenuti qalu li n-nar li jinħaraq filgħodu jissejjaħ «*beraq*» li ma jqabbadx nirien u jilħaq jintefa' sakemm jinżel fl-art[24].

i. Impjegat tal-fabbrika Nylon Knitting kien, fil-jum ta' qabel l-inċendju, kellem lill-konvenut Aquilina biex javżah bil-materjal li kien nieżel fuq il-fabbrika. Fi kliemu: «…*kien qed ikollna xita tan-nar fil-premises tan-Nylon Knitting – Kienu jinżlu karti jaqbdu, biċċiet ta' l-istilel, beraq li jkun għadu ma ħax*»[25]. Minkejja dan, il-ħruq tal-logħob tan-nar kompla, u seħħ l-inċendju. Jidher ukoll li l-okkorrenza ta' ħruq fil-fabbrika ta' Nylon Knitting kif ukoll f'Pavi meta jinħaraq il-logħob tan-nar m'hijiex rari[26]. Wara li jinħaraq il-logħob tan-nar, il-membri tal-Għaqda konvenuta

[19] Ara x-xiehda ta' PS2242 Rodene Ghirxi, a fol.427.
[20] Ara fol.430.
[21] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Bugeja, a fol.443.
[22] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Bugeja, a fol.443-444, u tal-konvenut Aquilina, a fol.456-457.
[23] Fol.447.
[24] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Cauchi, a fol.589.
[25] Ara x-xiehda ta' Simon Abela, a fol.233.
[26] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pier Luigi di Pilato, a fol.392.

jmorru fil-fabbrika ta' Nylon Knitting biex inaddfu l-materjal li jkun waqa' hemmhekk[27].

j. Il-ħsarat imġarrba minn Pavi ġew kwantifikati fis-somma ta' €34,907, kif spjegat fl-aġġustament tas-*surveyor* tal-attriċi GasanMamo Insurance Limited[28], u abbażi tal-istimi miġbura minnu[29]. L-istimi u l-infiq relattiv huma wkoll ikkonfermati: (i) mix-xiehda ta' Joseph Farrugia fir-rigward tal-istima ta' €11,787 eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud maħruġa minn Ta' Kandja Ltd[30]; (ii) mix-xiehda ta' Raymond Mifsud dwar l-istima ta' €661 dwar tiswijiet tal-elettriku[31]; (iii) mix-xiehda ta' Malcolm Camilleri[32].

k. Il-merkanzija mitlufa ġiet stmata bil-valur ta' €18,313.39[33]. Dan il-valur huwa dak li tħallas minn Pavi lill-grossisti li ssupplixxew l-istess merkanzija[34]. Ingħad li l-merkanzija li dwarha tħallas indennizz kienet maħruqa jew inkella mtebbgħa b'nugrufun li ma setax jitneħħa u għalhekk intremiet[35].

l. L-atturi ħallsu lil Pavi s-somma ta' €34,904, u ġew surrogati fid-drittijiet ta' Pavi permezz ta' skrittura privata bla data[36]. Għalkemm fil-bidu, huma bdew jippretendu riżarċiment mingħand is-soċjetà Nylon Knitting Limited, minħabba li n-nar beda fl-istabbiliment ta' din is-soċjetà[37], eventwalment indirizzaw il-pretensjonijiet tagħhom kontra l-konvenuti.

10. Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis uħud mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

---

[27] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Pier Luigi di Pilato, a fol.393, kif ukoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Simon Abela, a fol.393.
[28] Fol.37.
[29] Fol.38-66.
[30] Fol.245.
[31] Fol.252.
[32] Ara l-prospett ġuramentat u d-dokumenti mehmuża miegħu, minn fol.258-363.
[33] Fol.68-143.
[34] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Malcom Camilleri, a fol.225.
[35] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Gordon Axiak, a fol.380, kif ukoll ix-xiehda in kontro-eżami ta' Malcolm Camilleri, a fol.408.
[36] Fol.67. Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Paul Gauci, a fol.367.
[37] Fol.212.

Ikkunsidrat:

11. Illi huwa opportun li fl-ewwel lok tiġi deċiża t-tielet eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, li biha huma jsostnu illi r-rikors ġuramentat huwa null taħt l-artikolu 789(1)(a), (ċ) u (d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, billi ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament mill-atturi jew xi ħadd minnhom kif jeżiġi l-artikolu 156 tal-Kodiċi preċitat.

12. Il-Qorti qed tifhem li din l-eċċezzjoni ingħatat fl-istadju li ingħatat għaliex tinsab radikata fuq il-fatt li, wara l-korrezzjoni fid-data indikata fuq ir-rikors ġuramentat, dak ir-rikors ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament mill-ġdid minn xi ħadd mill-atturi.

13. L-eċċezzjoni hija infondata. L-artikolu 156 tal-Kodiċi ta' proċedura jrid li r-rikors ġuramentat jiġi maħluf minn wieħed mill-atturi fil-mument li jkun preżentat. Il-fatt li sar xi tibdil fir-rikors ġuramentat <u>wara</u> l-preżentata tiegħu u matul il-kors tas-smigħ tal-kawża ma jwassalx bħala regola għall-ħtieġa li dak ir-rikors jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-ġdid. Fil-fatt l-artikolu 175 tal-istess Kodiċi ma jipprovdi xejn f'dan is-sens.

14. Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

15. Illi l-konvenuti issollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Eċċezzjoni li ġiet imtennija fir-risposta ġuramentata ulterjuri tagħhom wara li l-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni mitluba mill-atturi fid-data tal-inċident murija fir-rikors ġuramentat.

16. La darba l-inċident seħħ fit-18 ta' Lulju 2015 u l-kawża ġiet imressqa fl-14 ta' Lulju 2017, huwa evidenti li t-terminu ta' sentejn m'għaddhiex. Jifdal però li wieħed jara jekk il-korrezzjoni li ġiet ordnata b'dikriet tat-22 ta' Diċembru 2023 tbiddilx minn din il-konklużjoni.

17. Huwa miżmum li, jekk bil-korrezzjoni mibdula, il-kawża tkun baqgħet l-istess, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni li sseħħ b'effett tal-istituzzjoni tal-kawża tibqa' effikaċi (ara f'dan is-sens ***Avukat Reno Borg nomine vs. Joseph Borg et noe et***, Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2002). Huwa fejn il-korrezzjoni twassal għal bidla fil-persuna tal-konvenut li jitqies li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun sospiż biss b'effett tal-korrezzjoni magħmula (ara per eżempju ***Bartolomeo Zarb vs. Jesmond Camilleri et***, Appell Superjuri, 7 t'Ottubru 2005). Dan hu hekk għaliex, qabel il-korrezzjoni, ma jkunx jista' jitqies li hemm kawża kontra dak il-konvenut, li għalhekk jibqa' jibbenefika mid-dekors ta' kull preskrizzjoni li tkun għaddiet favur tiegħu.

18. Fil-każ odjern, il-korrezzjoni laqtet biss id-data meta suppost seħħ l-inċident meritu tal-kawża, u ġiet akkordata proprju għaliex ma wasslitx għal bdil fis-sostanza tal-azzjoni. Il-konvenuti baqgħu l-istess, u għalhekk is-sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni li seħħet mal-istituzzjoni tal-kawża odjerna, baqgħet dejjem fis-seħħ, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija infondata.

Ikkunsidrat:

19. Illi permezz tat-tieni u tat-tielet eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li huma m'humiex leġittimi kontradituri tat-talbiet tal-atturi, u li bejnhom u bejn l-atturi ma hemm ebda relazzjoni ġuridika. Il-Qorti sejra tqis dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien.

20. Kif ingħad bosta drabi, persuna titqies li hija leġittima kontradittriċi f'kawża kemm-il darba mill-att promotur ikun jirriżulta li t-talbiet hemmhekk dedotti huma indirizzati fil-konfront tagħha. Huwa biss min għandu interess li jikkontradixxi dawk it-talbiet li jista' jitqies leġittimament imħarrek. L-interess tal-kontradittorju huwa inerenti fejn kontra l-parti mħarrka jiġu attribwiti fatti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu l-għajn tal-vjolazzjoni tad-dritt tal-parti attriċi. Ġie sewwa spjegat li «... *il convenuto deve essere il contradditore legittimo alla domanda dell'attore; cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento*

*ossia "lo stato di violazione" del diritto dell'attore*...»[38] (ara fl-istess sens id-deċiżjoni ***Bernard Zammit vs. Emmanuele Formosa et,*** Appell Superjuri, 11 ta' Ġunju 1948[39]). Kien ukoll miżmum fid-deċiżjoni ***Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd*** (Appell Inferjuri, 23 t'Ottubru 2009) li:

> Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali fid-deċiżjoni in re: "**Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et**", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti"

21. L-atturi, kif surrogati fil-jeddijiet ta' Pavi, qed jimputaw lill-konvenuti l-ħtija ċivili tan-nirien li ħakmu parti mill-proprjetà tal-assikurat tagħhom. Huwa biss loġiku li huma l-konvenuti li huma leġittimati li jikkontradixxu dik l-imputazzjoni li qed issir fil-konfront tagħhom. Jekk huma hux tassew ħatja għal dawk in-nirien jew le hija kwistjoni ta' meritu – jekk m'humiex ħatja ċivilment, isegwi li t-talbiet tal-atturi jfallu fil-meritu tagħhom għax infondati, u mhux għaliex il-konvenuti m'humiex kontradittturi leġittimi tat-talbiet li qed isiru fil-konfront tagħhom.

22. F'dan is-sens għalhekk dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat:

23. Illi bil-ħames eċċezzjoni, imbagħad, il-konvenuti jelaboraw fuq l-istess tema billi jsostnu li m'humiex leġittimi kontradittturi, u għalhekk ma jistgħux jinstabu solidalment responsabbli, billi huma ma ġewx imħarrka fil-kwalità tagħhom personali, u barra minn hekk il-konvenuti Cauchi u Aquilina qatt ma kienu *licencees*.

---

[38] ***Mortara***, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, Vol.II, §473.
[39] Kollezz. Vol.XXXIII.i.662.

24. B'żieda ma' dak li l-Qorti diġà qieset fir-rigward tat-tieni u tat-tielet eċċezzjonijiet, jiġi osservat li l-konvenuti m'humiex korretti meta jgħidu li huma ma ġewx imħarrka fil-kwalità tagħhom personali. Fir-rikors ġuramentat huma jinsabu indikati «*f'isem u in rappreżentanza tal-Għaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979 u bħala licencee/s*». Għal din il-Qorti dan ifisser li l-konvenuti huma mħarrka **kemm** fil-kwalità tagħhom ta' rappreżentanti tal-Għaqda msemmija, u **kemm** fil-kwalità tagħhom ta' *licencees*.

25. Jekk il-konvenuti msemmija effettivament m'għandhomx il-kwalitajiet li taħthom ġew imħarrka hija kwistjoni oħra, però ma twassalx biex huma jinħelsu għaliex m'humiex leġittimi kontradittturi.

26. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti li l-atturi kellhom jipproċedu kontra s-sidien tal-fabbrika magħrufa bl-isem Nylon Knitting. L-atturi kellhom kull dritt li jipproċedu kontra l-konvenuti, u t-talbiet tagħhom jistħoqqilhom jiġu milqugħa kemm-il darba huma jirnexxielhom jippruvaw li jikkonkorru l-elementi ta' fatt u ta' dritt kollha neċessarji sabiex jiġu sostnuti l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-konvenuti.

27. Din l-eċċezzjoni għalhekk ukoll qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

28. Illi jmiss issa li tiġi kkunsidrata l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, li permezz tagħha huma jgħidu li m'għandhomx ir-rappreżentanza tal-Għaqda konvenuta u għalhekk dik l-Għaqda ma ġietx validament imħarrka.

29. B'nota preżentata fl-4 t'April 2025, din l-eċċezzjoni ġiet irtirata.

30. La din l-eċċezzjoni ġiet irtirata, mhux meħtieġ li l-Qorti tagħti deċiżjoni dwarha.

Ikkunsidrat:

31. Illi permezz tas-seba' eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jgħidu li l-azzjoni tal-atturi ma tistax tirnexxi għaliex ma ġietx dedotta talba għal dikjarazzjoni li l-atturi jew Pavi ġarrbu danni, u lanqas ma hemm talba għal-likwidazzjoni.

32. L-atturi qed jitolbu l-ħlas ta' somma determinata u għalhekk it-talba għal-likwidazzjoni mhux neċessarja. Il-likwidazzjoni tintalab biss fejn l-ammont pretiż mill-attur ikun inċert jew indeterminat u għalhekk jinneċessita li jiġi stabbilit ġudizzjarjament. Dan mhux il-każ hawnhekk.

33. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tagħna qieset, abbażi tat-teorija tal-ekwipollenti, li l-attur fl-att promotur tiegħu mhux tenut li jressaq it-talbiet kollha li jsostnu l-azzjoni tiegħu b'mod speċifiku, billi ċertu talbiet jistgħu u għandhom jitqiesu kompriżi u sottintiżi f'talbiet oħrajn. Fid-deċiżjoni ***Vincenzo Zammit vs. Avukat Dr. Antonio Caruana*** (Appell Superjuri, 19 ta' Mejju 1952)[40] ġie osservat dan li ġej:

> Illi huwa minnu wkoll li t-talba għall-kundanna għall-pagament ta' kreditu hemm fiha nfusha impliċita talba għall-likwidazzjoni u kanonizzazzjoni ta' dak l-istess kreditu (ara Appell 30 ta' Jannar 1871 in re "Dimech vs. Schembri", Vol. V, paġ. 477 u in partikulari paġ. 481, kolonna 1 in primis), b'mod li meta l-attur għażel li jitlob il-pagament ta' l-ispejjeż meħtieġa u utili, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, ġie virtwalment jitlob anki l-likwidazzjoni tagħhom, inkwantokkè l-konvenut, bil-proponiment ta' l-azzjoni li għażel, ma ppreġudika xejn lill-konvenut, li għandu d-dritt jopponi, jew aħjar jikkontesta, l-ammont, salvo li, jekk ma jirnexxilux jivvulnerah, ikollu jsofri l-konsegwenzi ta' l-oppożizzjoni; mentri, per kuntrarju, jekk tirnexxi l-oppożizzjoni konvenuta, il-konsegwenzi ta' l-eżitu jkun rivertit fuq l-attur. Del resto, l-attur seta' hekk għażel li jmexxi d-dritt tiegħu; il-għaliex meta, skond il-liġi, ma jkunx hemm divjet dwar l-ekwipollenza, sew in forma taċita kemm dik impliċita, mhux neċessarja l-ebda forma espressa għall-propożizzjoni ta' l-azzjonijiet, jew, kif solitament jingħad, mhix imperattiva l-forma speċifika; u per konsegwenza, it-taċitu u l-impliċitu, ossija l-ekwipollenti, fil-konkors tar-rekwiżiti li ntqalu, għandu l-istess forza u effikaċja ta' l-espress

[40] Kollezz. Vol.XXXVI.i.105.

34. Fl-istess sens huma wkoll id-deċiżjonijiet ***Dottor Lawrence Seychell et vs. Emanuel Galea*** (Prim'Awla, 22 ta' Marzu 1982)[41]; ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines*** (Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 1998)[42]; ***Maria Attard vs. Filippa Abela*** (Prim'Awla, 17 ta' Mejju 2002); ***Gold Circle Developments Limited vs. Bol Limited et*** (Prim'Awla, 30 ta' Mejju 2002); ***Elsa Camilleri et vs. Joseph Briffa*** (Appell Inferjuri, 24 ta' Novembru 2003); ***Alfred Camilleri noe vs. Brian Borg et*** (Prim'Awla, 28 ta' Jannar 2004); li lkoll jitrattaw każijiet differenti fejn qamet kwistjoni dwar talba jew talbiet mankanti u fejn id-diversi qrati msemmija waslu għall-konklużjoni li t-talba mankanti kienet kompriża u impliċita fit-talbiet l-oħrajn.

35. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija infondata.

Ikkunsidrat:

36. Niġu issa għall-meritu.

37. Il-Qorti sejra tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, li tirrespinġi kull responsabbilità għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Lulju 2015, u dan billi bil-korrezzjoni ordnata, u li għaliha diġà saret riferenza, ġie ċċarat li l-inċident rilevanti seħħ fit-18 ta' Lulju 2015.

38. Huwa riċevut fid-dottrina li d-distinzjoni bejn id-delitt ċivili u l-kważi-delitt tirrisjedi fl-element intenzjonali: «*… lo stesso fatto può costituire un delitto civile od un quasi-delitto, secondochè l'intenzione di nuocere esiste o non esiste nel suo autore*»[43]. L-elementi komuni għal kull delitt u kważi-delitt huma: (i) il-fatt illeċitu, (ii) l-imputabilità ta' dan il-fatt lill-awtur tiegħu, u (iii) ħsara kaġunata minn dan il-fatt.

---

[41] Kollezz. Vol.LXVI.iii.39.
[42] Kollezz. Vol.LXXXII.ii.441.
[43] ***Baudry Lacantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.IV, §2852.

39. Il-fatt li l-atturi jgħidu kkaġuna l-ħsara li tagħha qed jitolbu r-riżarċiment huwa l-ħruq tal-logħob tan-nar. Iżda biex dak il-fatt jikkostitwixxi kważi-delitt li għalih għandu jwieġeb l-awtur tiegħu, irid jirriżulta li dak l-fatt ikun **illeċitu**. Kif jispjega ***Baudry Lacantinerie***: «*…un quasi-delitto può consistere tanto nell'omissione d'un fatto che nell'adempimento di un fatto, ma ciò suppone che, nel primo caso, il fatto è ordinato dalla legge e che, nel secondo, è da essa proibito*»[44]. U skont il-kittieb ***Chironi*** l-offiża li tikkostitwixxi l-fatt illeċitu tikkonsisti minn: «*a) la esteriorità della violazione, l'atto cioè col quale si manifesta; b) la lesione del diritto altrui*»[45].

40. Fatt jista' jkun leċitu minnu nnifsu, iżda jsir illeċitu skont il-mod kif jitwettaq. Biex wieħed jieħu b'eżempju l-kważi-delitt l-aktar komuni, is-sewqan ta' vettura bil-mutur huwa, bla dubju ta' xejn, fatt li huwa leċitu u permess mil-liġi. Iżda fejn is-sewqan jiġi eżerċitat mingħajr ma tiġi adoperata d-diliġenza meħtieġa mil-liġi, dak is-sewqan isir fatt illeċitu li jnissel ħtija għad-danni fejn isseħħ il-vjolazzjoni tal-jedd ta' ħaddieħor. Hekk ukoll, il-fatt konsistenti minn ħruq tal-logħob tan-nar huwa fatt leċitu meta jiġi mwettaq bil-permessi amministrattivi neċessarji, iżda l-mod kif jitwettaq jista' jnissel ħtija ċivili jekk id-diliġenza neċessarja ma tiġix applikata mill-awtur tal-fatt.

41. Skont l-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-grad ta' diliġenza applikabbli għall-fattispeċi tal-kważi-delitt huwa dak tal-missier tajjeb tal-familja. Għalkemm il-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta' din in-nozzjoni, wieħed jista' jsib it-tifsira fid-duttrina legali. Ingħad li *bonus paterfamilias* huwa «*il modello che si propongono le leggi poichè, come abbiam detto altra volta, in esso si racchiude il concetto della diligenza continua, attenta ed esatta, senza la cupa e affannosa sollecitudine dell'avaro, nè d'altra parte è richiesta quella cura superlativa che per timore di qualche sconcio, non lascia aver pace. La legge in sostanza non vuol niente di straordinario e, quasi a dire, di forzato, ma quello che comunemente si usa dalle persone savie. Di qua del modello, si trova la negligenza, più o meno in quanto da esso si scosta*»[46]. Fil-monografija tiegħu intitolata *Il Buon Padre di*

[44] Op cit, §2854.
[45] La Colpa nel Diritto Civile odierno: Colpa Extra-Contrattuale (Torino, 1903), Vol.I, §23.
[46] ***Borsari***, Commentario del Codice Civile Italiano, Vol.III, Pte II, §3154.

*Famiglia nella Teoria della Colpa* (1901), l-awtur eminenti ***Carlo Fadda*** jispjega hekk dwar il-grad ta' diliġenza ta' *bonus paterfamilias*: «*Per giudicare, se in un determinato affare il debitore abbia usata la diligenza voluta, si fa capo all'uomo che per la sua posizione, come capo responsabile di una azienda domestica, per l'educazione ricevuta, per la sua fama di probità dà tutte le garenzie di capacità e di moralità*»[47].

42. Fi ftit kliem, huwa b'hekk miżmum li l-livell ta' kura mistenni minn missier tajjeb tal-familja huwa dak li persuna ordinarja u savvja tapplika fil-ħarsien tal-familja tagħha u tal-affarijiet tagħha, bil-għan li tevita ħsara u preġudizzju li huma mhux biss previsti imma wkoll prevedibbli.

43. Huwa wkoll opportun li jiġi osservat li, skont fehma komuni, dak il-livell ta' kura huwa mistenni li jkun aktar sħiħ fejn l-attività li tkun se titwettaq minn dik il-persuna tkun inerentement aktar riskjuża - «*The degree of care to be taken depends on the magnitude of the risk; the greater the risk the more care should be taken*»[48]. Din ir-regola mhux eżattament applikabbli taħt il-liġi Maltija tad-danni akwiljani, li hija kontinentali fil-bażi tagħha. Taħt il-liġi Maltija, il-livell ta' diliġenza huwa dak tal-missier tajjeb tal-familja irrispettivament min-natura tal-att imwettaq. Però in-natura tal-att jinċidi fuq il-previdibilità tad-dannu minaċċjat, u akbar ma hija l-previdibilità ta' dak id-dannu, akbar huwa d-dmir li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex id-dannu jiġi evitat. Ġie mfisser li: «*Il-kolpa fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*»[49]. Bl-istess mod kif ir-responsabbilità tiġi eskluża meta d-dannu minaċċjat ma setax ikun previst jew inkella kien remot (ara f'dan is-sens ***Francis Coleiro nomine vs. Carmelo Cassar***, Appell Superjuri, 24 t'April 1964)[50], hekk ukoll il-ħtija tikber fejn il-ħsara kienet aktar prevedibbli. Fir-rigward issir riferenza għad-deċiżjoni ***Annunziato D'Amato et vs. Joseph Camilleri et*** (Appell Superjuri, 3 ta' Marzu 1958)[51] fejn intqal hekk:

---

[47] Pġa.24.
[48] ***Charlesworth & Percy***, On Negligence (Sweet & Maxwell, 10th Edition), §6-09.
[49] ***Elmo Insurance Services Limited nomine et vs. Mario Zammit*** (Prim'Awla, 28 ta' Jannar 2004).
[50] Kollezz. Vol.XLVII.i.258.
[51] Kollezz. Vol.XLII.i.74.

> Hu ta' rilevanza kbira, għas-soluzzjoni ta' dan il-każ, il-fatt li l-konvenuti kienu qegħedin jimmaneġġjaw ħaġa "perikoluża", bħal ma hu n-nar. Dan il-perikolu, diġà kbir in sè, sar aktar akut bil-preżenza u viċinanza tan-nafta f'wiċċ il-baħar, li hi – kif hu risaput – derivativ, ossija distillazzjoni tal-pitrolju u għalhekk kombustibbli. Fost l-affarijiet li fil-ġurisprudenza ngliża ġew kunsidrati, għal finijiet tar-responsabilità għad-danni, bħala "actively dangerous", jew "inherently dangerous", hemm appuntu "fire", "oil" u "paraffin" (ara Charlesworth, The Law of Negligence, p.232); tant li dan l-awtur ikompli jgħid, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ngliża, li f'materja simili r-responsabilità hija "absolute", u min irid jeħles minnha hu tenut jipprova jew il-fatt tat-terz jew il-"vis major"…

44. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Michael D'Amato noe vs. Filomena Spiteri et*** (Prim'Awla, 3 t'Ottubru 2003):

> Ma għandux ikun dubitat illi meta wieħed jiżvolġi attività li minn natura stess tagħha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluża, bħal fil-każ tal-ħruq tal-logħob tan-nar, huwa jenħtieġlu jiddimostra li ħa ħsieb japplika l-miżuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jevita l-ħsara. L-oneru ta' prova bħal din tispetta lilu u għandha tkun ukoll waħda rigoruża. Xejn ma tiswa s-sempliċi prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, iżda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pożittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannużi

45. Applikat dan kollu għall-każ odjern, għandu jirriżulta li fil-ħruq tan-nar li sar fit-18 ta' Lulju 2017, ma ġietx applikata d-diliġenza neċessarja.

46. Qabel xejn, il-Qorti tosserva li l-fatt imputat lill-konvenuti effettivament jirriżulta li twettaq mill-Għaqda konvenuta u mill-konvenut Bugeja, li kien *licencee* tal-fatt innifsu. Il-konvenuti Cauchi u Aquilina ma jirriżultawx li kienu *licencees* dakinhar tal-inċident, u għalhekk it-talbiet tal-atturi se jiġu respinti fil-konfront tagħhom.

47. La darba kienu l-Għaqda konvenuta u l-konvenut Bugeja li wettqu l-ħruq tan-nar, mela allura kienu huma li kienu mistennija li jadoperaw id-diliġenza meħtieġa.

48. Kif ingħad, meta persuna tiġi biex teżerċita attività li hija inerentement perikoluża bħala ma huwa l-att tal-ħruq tal-logħob tan-nar, huwa prevedibbli li danni jistgħu isegwu u għalhekk huwa mistenni li l-prekawzjonijiet neċessarji jittieħdu. L-Għaqda konvenuta u l-konvenut Bugeja ma setgħux ma kienux konsapevoli mill-fatt illi l-materjal li huma kienu qed jaħarqu kien qed jinżel fil-proprjetajiet kummerċjali fil-viċinanzi. Dan il-fatt kien magħruf lilhom mhux biss minn esperjenza passata – fil-fatt il-konvenuti xehdu li d-diriġenti tal-fabbrika Nylon Knitting ma kellhomx pjaċir bil-ħruq tan-nar, u dan proprju minħabba l-materjal li jinżel fi ħwejjiġhom – iżda wkoll minħabba li saħanistra f'dawk il-jiem stess li fihom seħħ l-inċendju, kienu qed jiġu avżati li kien nieżel dan il-materjal fil-proprjetajiet viċini. Ix-xiehda ta' Simon Abela, li għaliha diġà saret riferenza, hija ċara u skjetta f'dan ir-rigward.

49. Minkejja dan, l-Għaqda konvenuta u l-konvenut Bugeja baqgħu għaddejjin bl-attività tagħhom. Ma ħadux ħsieb li jaċċedu fil-proprjetajiet viċini sabiex jieħdu ħsieb li ma kienx hemm materjal kombustibbli fil-beraħ. Fix-xiehda tagħhom il-konvenuti qalu li, bħala parti mill-prekawzjonijiet meħuda minnhom, huma kienu jiktbu lis-sidien tal-beni viċini biex javżaw bil-ħruq li se jsir, bil-għan li jgħattu l-materjal perikoluż. Apparti l-fatt li ebda prova konkreta ma tressqet li tassew ingħata dan l-avviż, u x'kien eżatt il-kontenut ta' dan l-avviż u lil min intbagħat preċiżament (liema prova kellha loġikament issir bl-eżibizzjoni tal-avviż innifsu), il-Qorti jidhrilha li kienet responsabbilità tal-konvenut Bugeja u tal-Għaqda konvenuta li dawn il-prekawzjonijiet isiru. Li tikteb lil ħaddieħor biex jieħu l-prekawzjoni hu mhux l-istess li tieħu inti stess il-prekawzjonijiet li inti fid-dmir li tieħu.

50. L-Għaqda konvenuta u l-konvenut Bugeja kienu fid-dmir – la riedu jaħarqu n-nar minn post li minnu l-materjal maħruq kien jinżel fi proprjetajiet viċini – li jassikuraw li ma kien hemm xejn f'dawk il-proprjetajiet li kien kombustibbli u li seta' jwassal għal ħruq (ara f'dan is-sens ***GasanMamo Insurance Limited et vs. Raymond Bugeja et noe***, Prim'Awla, 25 t'Ottubru 2017). Mhux biżżejjed li huma jgħidu b'mod ġeneriku għall-aħħar li kitbu lis-sidien tal-beni viċini biex jieħdu l-prekawzjonijiet huma.

51. Naturalment, kien ikun mod'ieħor jekk jintwera li dawn il-konvenuti ġew miżmuma milli jwettqu dawn il-prekawzjonijiet mis-sidien tal-beni viċini nnifishom. F'dak il-każ, isiru applikabbli konsiderazzjonijiet oħrajn li però m'għandhomx għalfejn isiru f'din id-deċiżjoni, għaliex il-fatti seħħew mod'ieħor.

52. Nuqqas ieħor tal-Għaqda konvenuta u tal-konvenut Bugeja huwa l-fatt illi huma naqsu li jiksbu l-attendenza tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili dakinhar tat-18 ta' Lulju 2015 filgħodu. Il-provi juru li dik l-attendenza nkisbet biss għal filgħaxija, u dan bi ksur tad-dmirijiet tal-*licensee* skont il-permess mogħti mill-Pulizija.

53. Għalhekk il-Qorti qed issib li tassew seħħ fatt illeċitu, u li dan il-fatt illeċitu huwa imputabbli lill-Għaqda konvenuta u lill-konvenut Bugeja.

54. Iżda sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-atturi, jrid ukoll jintwera li l-fatt illeċitu imputabbli lill-konvenuti msemmija kien ukoll kaġun ta' danni. F'dan ir-rigward, il-konvenuti wkoll ikkontestaw illi n-nar in kwistjoni ma ġiex kaġunat bil-fatt imwettaq minnhom. Huma jgħidu li n-nar ta' filgħodu ma joħloqx materjal mormi li jista' jwassal għal inċendju. Jargumentaw li l-atturi ma ġabux prova bix-xiehda ta' esperti li n-nar ġie kaġunat mil-logħob tan-nar maħruq minnhom.

55. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-inċendju li kkaġuna d-danni in kwistjoni seħħ dakinhar u dak il-ħin stess li kien qed jinħaraq il-logħob tan-nar joħloq preżunzjoni qawwija li l-istess logħob tan-nar kien il-kawża prossima tal-inċendju li kkaġuna d-danni reklamati. Kif spjega ***Pacifici Mazzoni***: «*Le presunzioni di fatto sono le conseguenze che il giudice deduce da un fatto noto per stabilire un fatto ignoto… … Invero le presunzioni di fatto sono assimilate alla prova testimoniale e osservammo già che il diritto vigente non riconosce il vecchio broccardo,* testis unus, testis nullus*. Una sola presunzione può spesso, pesare più di cento indizi riuniti*»[52].

---

[52] Istituzioni di Diritto Civile Italiano (Firenze, 1881), Vol.II, §259-260. Ara wkoll ***Laurent***, Principii di Diritto Civile, Vol.XIX, §636, kif ukoll id-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Louis Gauci Borda*** (Appell Kriminali, 24 t'April 2002) għat-tħaddim tal-prinċipju.

56. Ix-xhieda u r-ritratti eżebiti jindikaw li tassew niżel ammont ta' materjal prodott mill-ħruq tal-logħob tan-nar, u dawn il-provi jistabbilixxu, fuq bażi ta' probabbilità li hija l-grad tal-prova applikabbli, li l-istess logħob tan-nar kien il-kawża prossima tal-inċendju.

57. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, ma ressqu ebda prova sabiex ixxejjen il-prova magħmula mill-atturi. Ma wrew b'ebda mod x'raġuni oħra seta' kien hemm għaliex beda n-nar in kwistjoni. Waqt il-kontro-eżami tagħhom, huma spekulaw dwar xi ħġieġ u l-fatt li kien is-Sajf. Dawn però m'humiex provi imma mera konġettura, kompletament miftuma mill-fatti li jirriżultaw mill-provi.

58. Għalhekk il-Qorti qiegħda ssib li l-fatt illeċitu imputabbli lill-konvenut Bugeja u lill-Għaqda konvenuta kien ukoll il-kawża prossima tan-nar li kkaġuna l-ħsarat indennizzati mill-atturi. Fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabbilità ta' dawn il-konvenuti hija solidali, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili.

59. Dan però mhux biżżejjed. L-attur f'kawża għar-riżarċiment ta' ħsara konsegwenza ta' kważi-delitt irid juri mhux biss il-ħtija ċivili tal-konvenut, imma wkoll il-ħsara innifisha. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Carmelo Farrugia vs. Antoine Grima*** (Appell Inferjuri, 8 ta' Jannar 2010):

> Hi ġurisprudenza paċifika illi d-deklaratorja ġenerali tad-danni m'hijiex prova ta' l-eżistenza tagħhom imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli għad-danni jekk ikun hemm. Ara, a propożitu u fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet "**Kurunell Stephen Borg nomine et -vs- Joseph Schembri**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar, 1965. Kif ukoll konstatat, il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas kull dannu li raġonevolment jitqies bħala konsegwenza diretta tal-fatt illeċitu. Ara "**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Ċivili, 1 ta' Frar, 1966

60. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti għamlu bosta sottomissjonijiet biex jikkontestaw id-dritt tal-atturi li jagħmlu din il-kawża, u jsostnu li ma saret ebda prova li l-atturi tassew kienu surrogati fid-drittijiet ta' Pavi.

61. Il-Qorti qabel xejn tinnota li l-konvenuti mkien fir-risposti ġuramentati tagħhom ma jqajjmu eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku. Għalkemm eċċezzjoni bħal dik hija perentorja u għalhekk tista' tiġi sollevata f'kull waqt tal-kawża, għandha tiġi sollevata kif imiss permezz ta' risposta ġuramentata, u mhux permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet, li biha l-kontro-parti tista' tiġi sorpriża fl-istadju aħħari tal-kawża.

62. F'kull każ il-Qorti tqis dawn is-sottomissjonijiet bħala infondati. L-eżibizzjoni tal-polza tal-assikurazzjoni m'hijiex prova indispensabbli li tkun saret surroga fil-jeddijiet tal-assikurat. Is-surroga b'konvenzjoni sseħħ b'effett tal-ftehim, u s-surroga li ssir favur l-assikurant meta jħallas lill-assikurat hija proprju surroga konvenzjonali skont l-artikolu 1165(a) tal-Kodiċi Ċivili (ara f'dan is-sens ***Tabib Charles Delicata et vs. Alfred Borg et***, Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 2018). Il-konvenzjoni li biha saret din is-surroga hija eżebita[53]. Għalkemm mhux datata, huwa evidenti minnha li l-parti assikurata u mħallsa kienet Pavi Supermarkets Limited, irrispettivament mit-timbru li ntuża. Isem dik is-soċjetà huwa kjarament identifikat fl-iskrittura. Id-data mhux element essenzjali għall-validità ta' skrittura privata (ara f'dan is-sens ***Giovanni Fiott vs. Avv. Dr. Lorenzo Cauchi***, Appell Superjuri, 15 ta' Diċembru 1947[54]), u ċertament li ma hemm ebda dispożizzjoni tal-liġi li tipprovdi mod'ieħor.

63. Il-fatt li din l-iskrittura tidher ftit differenti minn dik eżebita band'oħra minn xhud ieħor[55] ma jbiddel xejn minn dan kollu. Is-surroga sseħħ bi ftehim, però mkien il-liġi ma tgħid li dak il-ftehim irid ikun bil-kitba. Għalhekk l-iskrittura hija biss *ad probationem*. Mill-provi prodotti jirriżulta ċar li ftehim bejn Pavi u l-atturi dwar is-surroga tal-atturi fil-jeddijiet ta' Pavi tassew jeżisti.

64. Għalhekk dawn is-sottomissjonijiet huma bla fondament.

65. Il-Qorti tosserva li l-ammont imħallas mill-atturi lill-assikurat tagħhom bħala indennizz huwa spjegat permezz tax-xiehda prodotta, u dwaru ġew eżebiti

---

[53] Fol.67.
[54] Kollezz. Vol.XXXIII.i.202.
[55] Fol.363.

numru konsiderevoli ta' dokumenti. Dan l-indennizz kopra kemm il-ħsarat strutturali li seħħew kif ukoll it-telfien tal-merkanzija. Irriżulta b'mod sodisfaċenti, salv għal dak li se jingħad fil-paragrafi li ġejjin, li l-merkanzija indennizzata tassew ġiet mormija b'konsegwenza tal-espożizzjoni tagħha għan-nar, u l-indennizz tħallas abbażi tal-prezz li bih dik il-merkanzija nkisbet mingħand il-grossista. Parti oħra mill-indennizz imħallas kopra s-salarju ta' impjegati ta' Pavi li kellhom jiġu assenjati fuq xogħol li nħoloq b'konsegwenza tan-nar, u li għalhekk jikkostitwixxu telf għall-istess Pavi – li ma kienx għan-nar, il-ħaddiema in kwistjoni kienu jagħmlu xogħol ieħor fl-interess tal-assikurat u mhux jinħlew fuq xogħol li kien neċessarju biss minħabba dak in-nar kaġunat bi ħtija tal-konvenut Bugeja u tal-Għaqda konvenuta.

66. Il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom għamlu bosta osservazzjonijiet dwar l-entità tal-pretensjoni tal-atturi, u l-Qorti jidhrilha li jkun opportun li dawn l-osservazzjonijiet jiġu ndirizzati kif ġej:

a. B'riferenza għar-riċevuta dwar bejgħ ta' telefon ċellulari[56], il-konvenuti josservaw li din hija intestata f'isem Stephen Zahra u mhux ċara r-relazzjoni tiegħu mal-assikurata tal-atturi. Il-Qorti tirrileva li ġie spjegat li t-telefon ċellulari li tkisser matul il-ħidma tal-impjegati ta' Pavi wara n-nar kien ta' wieħed mill-impjegati. Però mkien ma jirriżultaw iċ-ċirkostanzi preċiżi kif dan it-telefon tkisser, u ċjoè jekk kienx hemm negliġenza fil-mod kif dan ġarrab ħsara, liema negliġenza jekk tokkorri jkollha l-effett li tistronka n-ness kawżali bejn in-nar u l-ħsara in kwistjoni. Din prova kienet tmiss lill-atturi, u n-nuqqas tagħha jagħti raġun lill-osservazzjonijiet tal-konvenuti. Għalhekk l-ammont pretiż mill-atturi sejjer jitnaqqas bis-somma ta' €830;

b. Il-konvenuti jirreferu wkoll għal-lista ta' *stock*[57] li ntilfet b'konsegwenza tan-nar u l-immissjonijiet ta' dħaħen u nugrufun ġenerati minnu. Huma jgħidu li skont l-atturi, l-ammont kumplessiv indikat fuq din il-lista huwa

[56] Eżebita bħala Dok GA9a, a fol.45.
[57] Eżebita bħala Dok GA7, a fol.68.

ta' €18,313.39, iżda jekk wieħed jgħodd l-ammonti ndikati individwalment, iġib €13,489.93, u ċjoè €4,823.46 inqas. Il-Qorti għamlet hi stess l-eżerċizzju aritmetiku neċessarju u sabet li l-osservazzjoni tal-konvenuti hija fondata, u għalhekk l-ammont se jiġi ridott.

c. Il-konvenuti għamlu wkoll sottomissjonijiet dwar il-fatt li bosta mill-merkanzija mitlufa ma kinitx fejn kellha tkun, u li kieku kienet fejn suppost, ma kinitx tintilef. Din is-sottomissjoni se tiġi indirizzata aktar 'il quddiem.

d. B'riferenza għall-fattura dwar *computer* fl-ammont ta' €90[58], il-konvenuti jirrilevaw li fiha hemm indikat: «*Please note that the unit shows no signs of damage from fire or water, but simply wear and tear to the PSU*». Għalhekk għandhom raġun jgħidu li lanqas dan l-ammont ma huwa riżarċibbli minnhom.

e. Dwar l-ammont ta' €661 imħallsa lil Raymond Mifsud għal xogħlijiet ta' elettriku, il-konvenuti jilmentaw li ma ġiet preżentata ebda fattura iżda biss riċevuta ta' ħlas permezz ta' ittra elettronika. Jgħidu li fl-ittra elettronika jissemma *bill of works* iżda meta xehed, Mifsud qal li provda materjal, mhux xogħol. Il-Qorti jidhrilha li din is-sottomissjoni tal-konvenuti mhux fondata. Il-fatt li sar il-ħlas imsemmi lil Mifsud ġie ippruvat mix-xiehda ta' Raymond Mifsud innifsu[59]. Fattura m'hijiex il-mod uniku kif jista' jiġi ippruvat ħlas. Barra minn hekk, fix-xiehda tiegħu huwa spjega li meta mar fuq il-post, sab *cable* maħruq, u għalhekk kiseb *cable* ġdid u weħħilha minflok dik maħruqa. Ix-xiehda tiegħu ma ġietx kontrastata b'mod effettiv u għalhekk il-Qorti sejra toqgħod fuqha.

f. Dwar l-ammont ta' €120 mħallas lis-soċjetà Bad Boy Cleaners, il-konvenuti jgħidu li ma nġabet ebda prova jew riċevuta. Eżaminat il-prospett li juri l-konsistenza tal-ammont pretiż mill-atturi[60], jirriżulta li l-

[58] Eżebita bħala Dok GA11, a fol.66.
[59] Fol.252.
[60] Fol.37.

ammont pretiż bħala spejjeż inkorsi lejn l-imsemmija soċjetà jifforma parti mill-ammont ta’ €1,986 indikat bħala «*Firefighting, clearing away and cleaning*». Skont id-dokument indikat a folio 47, l-ammont relattiv huwa €140. Huwa minnu li apparti r-riferenza f’dan is-sommarju li kien preparat minn Pavi, ma hemm ebda prova oħra fil-proċess. Din l-ispiża però ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn Malcolm Camilleri[61], u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib dik il-prova, li ma ġietx konfutata, bħala suffiċjenti anki fuq bażi ta’ probabbilità. Għalhekk din l-oġġezzjoni hija infondata.

67. Għalhekk l-ammont kumplessiv ta’ €5,744 se jitnaqqas mis-sorti mitlub mill-atturi.

68. Kif diġà ġie aċċennat, saret il-prova li l-post fejn infirex in-nar għand Pavi huwa, skont il-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, maħsub għall-użu ta’ ħatt u tgħabija ta’ merkanzija, u għaċ-ċirkolazzjoni ta’ vetturi, u mhux għall-kostruzzjoni ta’ maħżen u għall-ħażna ta’ merkanzija. Il-konvenuti jridu jgħidu li għaliex l-oġġetti danneġġjati ma kellhomx ikunu hemm, huma mhux obbligati li jirriżarċixxu l-ħsara konsegwenzjali. Il-konvenuti għamlu sottomissjonijiet ukoll fis-sens li anki fil-fabbrika adjaċenti għal Pavi, u ċjoè fejn beda n-nar, kien hemm ksur tal-permess ta’ żvilupp minħabba l-post fejn kien depożitat il-materjal li ħa n-nar.

69. Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tal-konvenuti.

70. Il-fatt li oġġett jista’ jkun f’post bi ksur tal-liġi ma jfissirx li dak l-oġġett jista’ jiġi distrutt minn ħaddieħor impunement. L-għan ta’ kull azzjoni ta’ riżarċiment huwa li l-persuna danneġġjata tiġi reintegrata fil-valur patrimonjali mtellef lilha bi ħtija tad-danneġġjant. Kull oġġett għandu valur patrimonjali, anki jekk ikun jinsab f’post fejn mhux suppost qiegħed, u min iwassal għat-telfien ta’ dak il-valur patrimonjali huwa obbligat li jagħmel tajjeb għal dak it-telf.

---

[61] Fol.225.

71. Hekk, per eżempju, ġie diversi drabi deċiż illi sid il-vettura li jkun qed isuq fuq in-naħa ħażina tat-triq waqt sinistru għandu xorta jedd għar-riżarċiment, u l-fatt li l-vettura tiegħu kienet tinsab fi stat ta' vjolazzjoni ta' liġi fil-mument tal-ħsara huwa irrilevanti (ara, fost ħafna eżempji, ***Lawrence Caruana vs. Anthony Falzon***, Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 2001, kif ukoll ***Francis Borg vs. Martio Mallia et***, Prim'Awla, 3 ta' Lulju 2003). Hekk ukoll ġie deċiż illi min iwettaq spoll huwa tenut jispurgah anki fejn l-oġġett tal-ispoll[62] huwa bini illegali (ara f'dan is-sens ***Professur Lawrence Seychell et vs. Joseph Mifsud***, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar 2021), u li dak li jagħmel ħsara lil vettura li kienet parkeġġjata quddiem garaxx tiegħu b'mod illegali huwa xorta tenut li jagħmel tajjeb għaliha (***Avukat Dottor Louis Vella vs. Patrick Ruggier***, Appell Inferjuri, 25 t'April 1995)[63]. Il-prinċipju ġie sewwa artikolat minn żmien ilu, fid-deċiżjoni ***Bernardo Zammit vs. Rev. Don Edgardo Salomone*** (Appell Inferjuri, 2 ta' Frar 1928)[64]:

> … è certo che il regolamento non ha per ispirito di permettere a chi pur si attenesse alle sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad altri, nonostante che questi fossero in contravvenzione…

72. Jekk xejn, l-infrazzjoni tal-liġi fl-oġġett danneġġjat tista' forsi tinċidi fuq il-valur tiegħu, jekk il-provi hekk juru. Iżda ebda prova f'dan is-sens ma tressqet fil-każ odjern.

73. Il-kwistjoni kienet tkun mod'ieħor kieku id-danni qed jiġu pretiżi għal telf ta' qligħ minn attività li kienet qed tiġi kondotta illegalment (ara per eżempju ***Silvio Buttigieg vs. Image Systems Limited***, Appell Superjuri, 12 ta' Lulju 2019). Però f'dan il-każ ma hemm ebda pretensjoni dwar telf ta' qligħ, iżda biss għal spejjeż emerġenti li l-provi juru li tassew ġew inkorsi. Għalhekk il-konvenuti ħatja għall-fatt illeċitu li kkawża dawk l-ispejjeż huma fid-dmir li jirriżarċixxu.

---

[62] Ukoll fatt b'radiċi fid-delitt ċivili jew fil-kważi-delitt. Ara f'dan is-sens ***Dimitry Orlov et vs. Edward Pavia pro et noe*** (Appell Superjuri, 14 ta' Jannar 2002), kif ukoll ***Louis Cassar vs. San Lawrenz Leisure Resort Limited et*** (Appell Superjuri, 30 ta' Settembru 2011).
[63] Kollezz. Vol.LXXIX.ii.1041.
[64] Kollezz. Vol.XXVII.i.988.

74. Is-sottomissjoni tagħhom li d-danni ma jistgħux jitqiesu li kienu prevedibbli għalihom għax huma ma setgħux jobsru li Pavi u Nylon Knitting kienu qed jiksru l-permessi ta' żvilupp rispettivi tagħhom hija bla fondament. Il-Qorti diġà sabet illi wieħed min-nuqqasijiet tal-konvenuti kien konsistenti mill-fatt li qabel il-ħruq ma aċċedewx fil-proprjetajiet viċini biex jivverifikaw kienx hemm materjal kombustibbli fl-apert. Kien dan in-nuqqas li prekludihom milli jobsru dak li setgħu ikunu konxji dwaru, u għalhekk ukoll il-ħtija tagħhom tinsab riaffermata.

75. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad it-tielet eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nullità tar-rikors ġuramentat;

(ii) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

(iii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

(iv) ma tqisx aktar l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri dwar l-illeġittimità tal-konvenuti, billi din ġiet irtirata;

(v) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sa fejn huma inkompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(vi) tiċħad it-talbiet tal-atturi sa fejn saru kontra l-konvenuti Cauchi u Aquilina bħala *licencees*;

(vii) tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-Għaqda konvenuta u l-konvenut Bugeja solidalment responsabbli għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Lulju 2015;

(viii) tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-Għaqda konvenuta u lill-konvenut Bugeja solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' disgħa u

għoxrin elf mija u tlieta u sittin Ewro (€29,163), bl-imgħax legali dekorribbli mill-istituzzjoni ta' din il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv;

(ix) tikkundanna lill-Għaqda konvenuta u lill-konvenut Bugeja sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur